# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 23**

**5.00p.m 11 ta' Settembru 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Ħadt

**Assenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**23.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

**Ma kienx hemm**

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat il-minuti tas-seduta numru 21 u 22 għal-għaxar' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha. Approvazzjoni tal-Minuti: Is-Sindku Luke Farruġia approva l-minuti tas-seduta numru 21/2025 u 22/2025.

**23.2.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal- Kunsill approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.**

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**23.3.1** Sindku Luke Farruġia għamel referenza li fl-ahhar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż sabiex il-Kunsill jingħata parir mill-għaqda storika, fejn Triq Santismma Trinita tisema għall Mons Mathew Chircop, u raġuni hi li kien Marsi u kien għamel ġieħ il-Marsa bħala saċerdot, is-sindku stqarr li b'hekk ikun jista jisemma Misraħ, Sindku stqarr li min dak li kien idecieda il-Kunsill ma jista issir xejn.

**Għaldaqstant il-Kunsill b'mod unanimu qabel li issir Laqgħa ma Street Naming Committee sabiex jiġi spjegat l-importanza fuq dak li qed jippropni il- Kunsill Lokali fuq it-tismija ta' Toroq.**

**23.3.2** Is-Sindku Luke Farruġia li irċieva ittra mill-Għaqda Soċjeta Mużikali Trinita Qaddisa' fejn qed titlob il- Kunsill jistax jagħti għajnuna ta' €500 fejn l-Għaqda se tesegwixi l- Quddiesa Solenni ta' Requim ta' Mozart ġewwa il-Katidral ta' l-Imdina nhar 14 ta' Novembru 2025 biu spiża ta' €20,000.

**Għaldaqstant fuq deċiżjoni tal-Kunsill f'laqgħat preċedenti ġie deċiż li l-ammont ta' €500 jinagħata biss f'okkażżjoni ta' Anniversarju, għaldaqstant il-Kunsill talab is- Segretarju Eżekkuttiv sabiex jinforma il-Għaqda li il- Kunsill lest li jofffri €300 bħala reklam li ser issir fuq il-ktejjeb ta' l-okkażżjoni. Il- Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu.**

**23.3.3** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li kien irċieva ilment li il-Ħaddiema li jaħdmu fl-akkwata ta' Aldo Moro fejn hemm numru ta' ħaddiema li jużaw il-muturi qed ikollhom problema ta' parkeġġ tal-muturi u jekk ikunx possibli għall- kunsill li jsir parkeġġ ta' Muturi fl-akkwata.

**Il-Kunsill b'mod b'mod unanimu qabel mal-proposta sabiex jiġi allokat parkeġġ tal-muturi fejn ikun jista.**

**23.3.4** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li irċieva email mingħand St Michael's Club fejn ser ikunu qed jorganizzaw esebizzjoni għall għeluq il- 35 sena anniversarju minn meta fetaħ il-Club u qed jitolbu il-Kunsill sabiex jagħti reklam ta' €300 għall din l-okkażjoni**.**

**Wara propnment ta' Sindku Luke Farruġia u ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Spencer, il – Kunsill qabel b'mod unanimu li joffri riklam ta' €300.**

**23.3.5** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li irċieva email mingħand ARUC li qed jitolbu parkeġġ riservat quddiem il-premises tagħhom.

**Għaldaqstant b'mod unanimu il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba ta parkeġġ riservat.**

**23.3.6** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li fuq laqgħa preċedenti tal-kunsill sabiex tinbgħat spjega id-dettaljata tal-pjan tal-produzzjoni għall programm li ser tkun qed tagħmel il-preżentattriċi Angie Laus għall- iskeda tax-xitwa 2025, liema spjega ġiet preżentata il-Kunsill.

**B'mod unanimu il-kunsill qabel sabiex tissejjaħ laqgħa mat – team tal-produzzjoni sabiex jiġi diskuss il-pjan ta' dan il-programm.**

**23.3.7** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li l-accountant tal-Kunsill informa lis- Segretarju Eżekkutiv li wara li ġie preparat il-*Quarterly Report* April – Ġunju 2025 ġie rrapurtat surplus ta' €40,267.00.

**23.3.8** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li bħala risposta għall email li kien bagħt il-Kunsill sabiex tiġi identifikata il-persuna li ser tirċievu rimbors għal kura ta' l-annimali, is-sur Ackerly Pace irrakkomanda lis-sinjura Sefora Cassar, is-sur Pace li sinjura Pace hija persuna umli u l-affarijiet isiru dejjem kif sippost u li tagħmel ħafna ġid u tgħin feeders oħra.

**23.3.9** Is-sindku Luke Farruġia spjega li il-Kunsill irċieva ittra legali minghand Valletta Legal f'isem l-Għaqda Mużikali Banda Marija Reġina fuq xogħol infrastrutturali li kien sar quddiem l-istess Għaqda f'Novembru 2024, fejn informaw il-Kunsill li sofrew danni fi sistema ta' drenaġġ u għalhekk qed jitolbu il- Kunsill jirrimedja il-ħsara.

**Għaldaqstant is-sindku spjega li ħa ħsieb li jagħmel kuntatt mad-dipartiment ta' xogħolijiet pubbliċi sabiex isewwi il-ħsarat liema ħsarat ġew solvuti mid-dipartiment, għaldaqstant il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jitlob l-assistenza ta' l-avukat tal-kunsill sabiex jirrispondi l-ittra legali li irċieva.**

**23.3.10** Sindku Luke Farrugia spjega li irċieva ittra mingħand l-Uffiċju Parrokjali li nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru ser issir iċ-ċelebrazzjoni għall- ħatra tal-Kappillan il-ġdid għaldaqstant qed jitolbu il-Kunsill jekk jistax jgħin b'risq l-ispejjeżż relatat ma din l-okkażjoni.

**Għaldaqstant b'mod unanimu il- Kunsill ma qabilx u tagħlab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lil uffiċju parrokkjali u jinfurmah li jekk kemm il-darba ikun ser issir fuljett jew ktejjeb ta' l-okkażjoni jibagħat ittra bl-amont ta l-ispiża relatat mar-riklam il-Kunsill.**

**23.3.11** Sindku informa lil Kunsill li sinjura Rodianne Mintoff bagħtet email bħala suġġeriet li għal żmien il-Milied jiġu organizzati lezzjonijiet tal-craft għall anzjani. Liema prezzijiet huma €50 + vat lezzjoni waħda, €225 + vat set ta' ħames lezzjonijiet u €6 kull persuna għal materjal li jintuża fejn dan ikun imħallas mill-applikant**.**

**Għaldaqstant wara li ġie proponiet mis-sindku Luke Farruġia, il-Kunsilliera Dominic Spencer u Gloria Aquilina isekondaw il-Kunsill qabel unanimament li jsiru ħames lezzjonijiet**.

**23.3.12** Sindku informa il-Kunsill li suġġeriment dwar is-service road ta' Aldo Moro sabiex jitwaħlu tabelli one way in vista li ma l-art hemm sinjali ta vleġeġ bojod.

**Għaldaqstant il-Kunsill unanimament irrakkomanda sabiex issir komunikat ma TM sabiex jagħti gwida il-Kunsill jekk jistawx jitwaħlu tabelli ta' one way.**

**23.3.13** Is-Sindku Luke Farruġia informa lil Kunsill li irċieva talba u kwotazzjoni mingħand il – Kumpanija Hili Ventures li tinstab fi Triq Valletta sabiex tiġi irranġata it-triq ta' quddiemhom fejn dawn qed jitolbu li lesti jirranġaw it-triq u jiġu rimbors l-ispiża.

**Għaldaqstant is-sindku ħa parir mid-dipartiment fuq dan il-każ fejn ġie gwidat li il-Kunsill ma għandux x'jaqsam ma tiswija ta' toroq, għalhekk is-sindku informa il-kunsill li ser ikun qed jagħmel iktar riċerki u jinforma lil kumpanija.**

**23.3.14** Is-Sindku Luke Farrugia spjega li is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ittra ta' Riżenja mill-impjegata tal-kunsill Ilaria Aquilina, għaldaqstant il-Kunsill irrid jibda il-proċess għall-post vakanti ta' Skrivan skala 15.

**Għaldaqstant il-Kunsill irringrazzja ta' xogħol li għamlet mal- Kunsill, għalhekk il-Kunsill unanimament qabel sabiex jiskatta il-proċess ta' impjieg għall- skrivan fuq skala 15 mal-Kunsill Lokali**.

**23.3.15** Sindku Luke Farrugia spjega lil Kunsill li ser jingħaqad *Team* ġdid tal-*Cricket* u qed jitolbu il-permess tal-Kunsill sabiex fuq il-*Gear* tat-team tagħhom ikunu jistaw jagħmlu il-Logo tal-kunsill. **Wara li is-Sindku ippropona din it-talba il-Kunsilliera Dominic Spencer u Gloria Aquilina isekondaw din it-talba il-Kunsill qabel unanimament.**

**23.3.16** Sindku Luke Farrugia spjega li irċieva talba mingħand is-sinjura Anthea Bonavia mill-Aġenzija Apoġġ jekk il-Kunsill isibx oġezzjoni li jużaw il-pont San Tumas f' waħda mid-dati ta' 7 jew 14 ta' Novembru mis-6pm sa 9pm sabiex issir diskussjoni fuq *Human Trafficking* u jekk f'każ ta' temp ma jkunx jippermetti jużaw il-binja tal-Kunsill.

**Wara li is-sindku Luke Farrugia ppreżenta din it-talba, ġiet sekondat mill-Kunsillier Joseph Spencer il-Kunsill qabel unanimament.**

**23.3.17** Sindku Luke Farruġia informa il-Kunsill li ser jibda il-proċess sabiex jinħareġ it-tender għall- *Contracts Manager*, u għalhekk jinħtieġ aktar informazzjoni sabiex jinħareġ it-Tender.

**Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament u għamel referenza li tender għandu joħroġ skond il- linji gwida maħruġa mid-dipartiment.**

**23.3.18** Sindku Luke Farruġia informa il-kunsill li irċieva talba mingħand residenta li għandha il-garage fi Triq Saura u talbet lil-Kunsill sabiex tkun tista titbaxxa il-bankina biex ikollha aċċess għad-dħul u ħruġ minn ġewwa il-garage.

**Il – Kunsill tagħalab sabiex ir-residenta tiġbor permess mingħand CRPD biex titbaxxa il-bankina, kif jinħareġ il-permess u jiġi pprezentat il- Kunsill, jibda il-proċess sabiex titbaxxa il-bankina**.

**23.3.19** Is-Sindku Luke Farruġia spjega li irċieva talba mingħand il- kumpanija VJ Salmone sabiex tuża is-sala tal- Kunsill għal – laqgħa li ser jorganizzaw għall- 20 persuna filgħodu.

**Wara li is-sindku għamel ppproponent , il-Kunsillier Dominic Spencer is-sekonda u il-Kunsill qabel unanimament.**

**23.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

**23.4.1** Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi saqsa rigward il-*Community Police* u l-użu tal-post tal-Kunsill.

**Sindku Luke Farruġia wieġeb li f'laqgħat preċedenti tal-kunsill kien ġie deċiż li il-*Community Police* mhux ser jibqaw jaħdmu min Santa Venera, u sabiex ikunu viċin il-Lokal tal-Marsa u ser ikunu qed jużaw parti mis-sala tal- Kunsill.**

**23.4.2** Il- Vici sindku Josef Azzopardi staqsa rigward il-pagamenti tal-public toilets fejn il-ġnien ta' l-ERA u tal-Pont San Tumas, u għaliex qed issir il-ħlas tal-public toilets li m'aghdomx taħt ir-responsabilta tal-kunsill.

**Għaldaqstant is-Sindku tagħalab lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex jagħdillu l-informazzjoni kif qed jiqasmu il-pagamenti tas-servizz ta' tindif tal-public toilets, u informa il-Kunsill li beda il-proċess biex jinħareġ Tender ġdid għas-servizz tal-Public Toilets li jinsabu fi responsabiltà tal-kunsill li jinsabu fuq Pont San Tumas.**

**23.4.3** Il-Vici Sindku Josef Azzopardi staqsa lis-Sindku rigward l-overtime li issir mill-Ħaddiema tal-kunsill, meta qed issir u x'jikonsisti ix-xogħol overtime.

**Is-Sindku Luke Farrugia wieġeb li il-ħaddiema qed jidħlu xi tlett siegħat is-sibtijiet iż-żewġ ħaddiema tal-maintenance fejn stqarr li il-ħinijet ivarjaw skond ix-xogħol meħtieġ u li qed ikun hemm skeda ta' xogħol u spjega li ikun hemm każijiet ta' urġenza. Għaldaqstant il-Kunsill ivvota u qabel unanimament li l-overtime ta' kull nhar ta' Sibt jinqata'.**

**Il-Kunsill ivvota fuq li l-overtime għandu biss jingħata f'każ ta' urġenza u b'approvazzjoni tas-Segretarju Eżekkuttiv. Il-Vot għadda 5 favur u wieħed kontra.**

**23.4.4** Il-Vici Sindku Josef Azzopardi staqsa lis-Sindku Luke Farrugia, rigward il-Kuntratur tas-*soft areas* jekk qed jippreżenta rendikont tax-xogħol li ikun qed jagħmel.

**Għaldaqstant is-Sindku tagħlab lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex il-Kuntrattur jibda jippreżenta rendikont tax-xogħol li il -Kuntrattur qed jagħmel fi *soft areas*.**

**23.4.5** Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa fuq il- pagamenti tal-bulky refuse il-Kuntrattur qed jippreżenta kull darba żewġ kontijiet u tagħalab sabiex il-Kuntrattur jibgħat invoice waħda fi xagħar.

**23.4.6** IL- Kunsillier Dominic Spencer saqsa fuq ix-xiri ta' welding set.

**Għaldaqstant bil-permess tas-sindku is-Segretarju Eżekkuttiv spjega li dan inxtara sabiex jintuża għall- kunsill u kien hemm il-puġġaman tat-taraġ tal-kunsill biex jissewwa.**

**23.4.7** Il-Kunsillier Dominic Spencer issuġġerixxa il-kunsill jekk jaqbilx li l-Għaqdiet li ser jiehdu ħsieb li ser jarmaw l-arbli għall-attivita tal-pellegrinaġġ jinaghtawx €100 kull wieħed.

**Wara suġġeriment mressqa min proponent Kunsillier Dominic Spencer u sekondat Viċi Sindku Josef Azzopardi, il-kunsill approva fuq bażi li din ma tkunx ta' kull sena għaliex il-Kunsill dejjem jgħin lil Għaqdiet bir-riklami fuq il-ktejjeb li jsiru mill-Għaqdiet.**

**23.5 Rapporti**

Ma kienx hemm

**23.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**23.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekondat il- Kunsillier Anthony Meilaq il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti. Fuq bażi li qajjem il- Vici Sindku Josef Azzopardi u il- Kunsillier Dominic Spencer u li il-ħlasijiet dovuti għas- servizz tal-public toilets u overtime tal-ħaddiema.

**23.7 Item: *Q2 – Financial Report***

Is-Sindku informa il-kunsill li inaqgħad fil-laqgħa tal-kunsill l-*Accountant* tal-Kunsill sabiex jispjega ir-rendikont Finanzjarju tal-Kunsill Lokali li hu għall- perjodu 1 ta' Jannar 2025 sa 30 ta'Ġunju 2025, fejn spjega fejn ġie irraportat surplus ta' €40,267 u li il-Kunsill qed jagħmel tajjeb għad-defiċit li kellu f'dawn l-aħħar sentejn.

**23.7.1** Ir-Rapport ġie approvat nem con.

**23.8 Item: GreenPak/ Kunsill Lokali Marsa**

Is-Sindku spjega li kien irċieva emajl mill-Kumpanija GreenPak li il-Kunsill ma għandux raġun fuq il-post li issuġġerixxa il-Kunsill ma jaqax f'żona residenzjali. **Għaldaqstant is-Sindku ippropona sabiex jissejjaħ laqgħa magħhom sabiex tinstab soluzzjoni**, **il-Kunsill qabel nem con**.

**23.9 Item: Pedestrian crossing or speed hump in Trunk Road Marsa parallel to Aldo Moro**

Is-sindku spjega li irċieva suġġeriment mingħand Bezzina Brothers sabiex issir road hump quddiem Bezzina Brothers minħabba li qed issibu inkonvenjent sabiex il-vetturi joħorġu mill-istabbiliment.

**Għaldaqstant il-kunsill qabel unanimament sabiex tinġabar gwida min Transport Malta jekk tistax issir skond kif ġie ssuġġerita il-kunsill u skond il-gwida ta' Transport Malta il-kunsill jimxi.**

**23.10 Item: Tindif tal-Ispralli/ Culverts**

Is-Sindku Luke Farrugia spjega li kull sena issir it-tindif ta culverts u li kien ġie iffirmat MOU ta cleaning ma Cleansing Department u li l-allokazzjoni ta tindif kien għadda kollu lid-dipartiment tal-Cleansing.

**Għaldaqstant is-Sindku tagħlab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'email il-Cleansing biex jitnaddfu il-Culverts b'urġenza. Il-Kunsill qabel unanimament .**

**23.11 Item: Ħinijiet tal- ġbir ta'Skart**

Is- Sindku Luke Farrugia spjega li irċieva notifika mir-Reġjun Nofsinhar rigward tibdil fil-Ħin tal-ġbir ta' l-iskart, fejn fil-laqgħat preċedenti tal-kunsill ġie maqbul sabiex il-Kunsill iktar dettalji mir-Reġjun Nofsinhar fuq it-tibdil tal-ħin għal ġbir ta' l-iskart.

**Għaldaqstant il-kunsill unanimament qabel sabiex tintbagħat email lir-Reġjun li il-ħin propost ikun bejn tmienja u l-għaxra ta' filgħaxija bħala prova u li jekk is-sistema ma taħdimx il-Kunsill ikunx jista' jerġa immur lura mid-deċiżjoni li l-iskart jinġabar fil-ħin ta' Filgħodu.**

**23.12 Item: Clean Up Day/ 20th September bdil ta' Data**

Is-Sindku Luke Farrugia spjega li id-data li kienet deċiża sabiex issir il-Clean Up Day kienet l- 20 ta' Settembru 2025, għaldaqstant din id-data kienet wisq viċin u b'hekk hemm il-bżonn li titmexxa id-data tal-Clean Up Day u jiġi infurmat il-Dipartiment bi data il-ġdida. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament u ġie deċiż li titmexxa għal- 4 ta' Ottubru 2025 fid-disa' ta' filgħodu.**

**23.13 Item: Iffirmar ta' MOU – Open Centre**

Is- Sindku Luke Farrugia spjega li kien emendat l-MOU ta l-Open Centre biex jiddaħħlu klawżoli oħra u l-AWAS ġew infurmati b'dan it-tibdil, u min naħa ta' AWAS ma kienx hemm qbil u għaldaqstant ser issir Laqgħa min naħa tal-kunsill nhar 18 ta' Settembru fl-10 ta' Filgħodu ġewwa l- Open Centre biex jiġu kwalifikati dawn l-emendi u tinstab soluzzjoni.

**Is- Sindku Luke Farrugia talab lil Kunsilliera sabiex min ikun jista' jattendi għal din il- laqgħa fuq il-post ma' l-AWAS.**

**23.14 Item: Tender Street Christmas Decorations**

Is-Sindku Luke Farrugia spjega li id-draft ta' Tender lest u kien ivverifikat min naħa tad-dipartiment u li kien ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-kunsill u li kienu inbidlu xi toroq min dawk li kienu jieħdu ħsieb l-Għaqdiet.

Għaldaqstant fuq suġġeriment tal-viċi Sindku Josef Azzopardi għanda tiżdied Triq Prinċep Albertu mal-parti ta' Lot ta' Triq Balbi.

**23.14.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat Kunsillier Dominic Spencer il-kunsill approva unanimament it- Tender għal - Street Christmas Decorations.**

**23.15 Item: Ħinijiet tal-ftuħ ta' L-uffiċju tal-Kunsill għal- Pubbliku.**

Is- Sindku Luke Farrugia spjega li kellu laqgħa dwar il-ħinijiet tal- ftuħ u għeluq ta' l-uffiċini tal- Kunsill għal-m Pubbliku għal żmien ix-xitwa, fejn il-ħin ta' l- għeluq ta' l-uffiċini siegħa qabel il-ħin stabbiliet għal- pubbliku biex ikun jista issir ix-xogħol ta' rikonċiljazzjoni tal-ġurnata u xogħol amministrattiv.

**Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat Kunsillier Dominic Spencer il-kunsill approva unanimament l-għeluq ta' siegħa qabel il-ħin ta' l-uffiċini għal- pubbliku biex ikun hemm ħin ta' allokazzjoni sabiex issir rikonċiljazzjoni u xogħol pendenti amministrattiv mill-ħaddiema klerikali.**

**23.16 Item: Team Building Activity**

Is- Sindku Luke Farrugia spjega li tkun ħaġa sabiħa li jinħoloq Team Building Activity bejn il-ħaddiema tal-Kunsill u Kunsilliera u li l-attività tingħalaq b'lunch bejn il-grupp kollu.

**Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament li jsir Team Building Activity bejn il-ħaddiema amministrattiva tal-kunsill u il-Kunsilliera u li tkun verifikata in-nefqa skond il-liġi tal-kunsilli Lokali.**

**23.17 Mozzjonijiet**

**Ma kienx hemm**

**23.18 Tmien tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.00pm u ġiet aġġornata għall Ħamis 2 ta' Ottubru 2025 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

IFFIRMATA

Luke Farrugia

Sindku

IFFIRMATA

Roderick Ebejer

Segretarju Eżekuttiv